MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 1120/2012

**David Brincat u Gaetana Brincat**

**vs**

**Francis Sammut u Paul Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi tas-6 ta’ Gunju 2013 ghal kjamat fil-kawza ta’ Tlata Limited;

Rat ir-risposta tal-konvenuti li opponew ghal tali talba billi principalment it-talba qed issir biex jigu sostitwiti konvenuti li gew imharrka hazin u mhux biex jigu reintegrati proceduri u jigu evitati multiplicita ta’ kawzi.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tapprezza z-zelu muri mill-partijiet fil-mod dettaljat u studjat li bih affrontaw din il-kwistjoni.

Il-Qorti wara li rat l-atti kollha, hareg car illi l-proprjeta li minnha l-atturi qed jilmentaw li sehhet il-hsara hi proprjeta ta' Tlata Limited. Din il-proprjeta giet akkwistata mill-istess socjeta minghand il-konvenut Francis Sammut b'kuntratt pubbliku tal-4 ta' Mejju 2009 atti Nutar Gerard Spiteri Maempel. Id-ditrettur u azzjonista maggoritarju hu l-konvenut Paul Falzon.

Minghajr dubbju s-socjeta Tlata Limited hi legittimu kontradditur f'dawn il-proceduri. Pero l-kwistjoni quddiem il-Qorti mhix din, izda r-responsabilta tal-attur li jharrek tajjeb lil persuni interessati fl-azzjoni u li jiddahhlu persuni ohra fil-mori tal-proceduri jekk jirrizulta li dawn ukoll jista' jkollhom interess guridiku fl-istess proceduri.

Il-konvenuti jsostnu illi l-atturi messhom ghamlu r-ricerka u kien jirrizultalhom illi l-konvenuti ma kellhomx l-interess mehtieg fil-ligi f'dawn il-proceduri u n-nuqqas taghhom ma jistax issa jigi ssanat wara li harrku l-persuni zbaljati.

Il-Qorti mhix ser tirrepeti l-kazistika estnesiva u migjuba b'reqqa mill-konvenuti ghall-ahjar istruzzjoni tal-Qorti izda tissofferma ruhha fuq il-gabra sintetika u erudita li ghamlet il-Qorti dwar l-istitut tal-kjamat in kawza fil-kawza **Dr Marco Sammut et vs Di Natura** Limited (PA 22/01/2013).

Pero il-Qorti tqis li din il-vertenza fiha fatturi li jimmilitaw favur li jintlaqa' dan ir-rikors ibbazati fuq il-principji tal-korrettezza, il-lealta u l-buona fede rikjesta minn kull parti involuta f'vertenza.

Meta l-atturi allegaw li kienu qed isofru hsara kienu konsapevoli b'zewg persuni li setghu kellhom, almenu fl-opinjoni taghhom, xi responsabilta fil-konfront taghhom. L-ewwel wiehed kien Paul Falzon li kontrih sar rapport tal-pulizija fil-11 ta' Settembru

2012 u skond l-okkorrenza tal-pulizija Dok. DB3 fol. 67 mar-rikors tal-atturi, jirrizulta illi Paul Falzon informa lil pulizija li ma kienx is-sid tal-fond li minnu l-atturi allegatament sofrew il-hsara ghax kien ghadu fuq konvenju.

Din id-dikjarazzjoni mhix kontradetta bl-ebda mod fir-risposta tal-konvenuti ghal dan ir-rikors. Ghalhekk jidher illi d-dikjarazzjoni ta’ Paul Falzon zgwidat lil atturi li jassumu li Paul Falzon seta’ kellu responsabilta personali ghall-allegata hsara ghax hu kien qed jaghmel ix-xogholijiet li minhabba fihom l-atturi allegatament sofrew il-hsarat. Ma jistax jinghad illi l-atturi, rinfaccati b’din id-dikjarazzjoni quddiem il-pulizija seta’ kellhom xi dubju serju jew fondat fuq in-nuqqas ta’ verita taghha u illi tlett snin qabel l-istess Paul Falzon qua direttur uniku u azzjonarju maggoritarju fis-socejta Tlata Limited kien gia akkwista l-istess proprjeta. In-nuqqas ta’ taghrif korrett, anzi sgwidanti ma jistax jintuza kontra l-atturi li skond il-konvenuti messhom ghamlu r-ricerki xorta wahda. Dan kien ikun il-kaz li kieku Paul Falzon tkellem mod iehor mal-pulizija.

In kwantu ghal Frans Sammut, l-atturi pprezentaw ittra ufficjali fl-20 ta’ Settembru 2012 kontrih biex jaghmel tajjeb ghal hsarat li kienu qed jigu kagonati mill-fond li f’dak iz-zmien l-atturi hasbu li kienet ghadha proprjeta tieghu in vista tad-dikjarazzjoni ta’ Paul Falzon quddiem il-pulizija. Ir-risposta ghall-ittra ufficjali li setghet bl-iktar mod semplici infurmat lill-atturi illi Francis Sammut ma kienx legittimu kontradittur u waqfet hemm, minflok irrisponda illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Tali risposta ma taghtix lil atturi l-ickjen hjiel li Francis Sammit kien qed isostni li ma kellu ebda konnessjoni mal-fond kif qed jigi allegat issa bl-eccezzjonijet tieghu ghall-kawza.

L-iskop ta’ vertenza mhix li titfa’ lil kontroparti fi triq zbaljata izda li tilqa ghat-talba b’mod kostruttiv u li ma

jhalliex dubju dwar dik li qed jigi oppost ghal pretensjoni maghmula.

Dan ma hux kaz fejn l-atturi qabdu u fethu kawza bla ebda konsiderazzjoni ohra. L-indizji materjali pprezentati lilhom mill-konvenuti wassalhom biex jagixxu kontrihom ghad-danni ex delicto u anki hawn il-Qorti tirreleva illi tali azzjoni mhux necessarjament tikkolpixxi biss lis-sid tal-proprjeta izda anki lil terzi li setghu kienu responsabbli ghal dawn id-danni. Dan kollu ovvjament qed jinghad in linea ta’ principju generali minghajr bl-ebda mod il-Qorti ma hi tidhol fil-mertu tal-azzjoni, jew tal-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

F’dan il-kaz il-Qorti tqis illi c-cirkostanzi tal-kaz juru illi t-talba attrici mhix ghal sostituzzjoni ta’ konvenut ma iehor izda ghal zieda ta’ persuni ohra li jistghu jkollhom interess fl-azzjoni attrici b’zieda mal-konvenuti odjerni u ghalhekk jigu evitati dupplicita ta’ kawzi. Madankollu l-Qorti wkoll tqis illi hu wkoll element incisiv fuq it-talba ghal kjamat, il-komportament tal-konvenuti qabel ma nbdiet l-azzjoni gudizjarja fejn il-Qorti tqis illi l-konvenuti naqsu anzi zviljaw lill-atturi li kien hemm terz li seta’ kellu interess fil-kwistjoni maghhom jew minflokhom, liema terz kien ben rikonoxxut miz-zewg konvenuti.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa’ f’dawn ic-cirkostanzi, it-talba ghal kjamat fil-kawza ta’ Tlata Limited. Spejjez tal-provvediment ghall-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------